

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 736/2010**tat-13 ta' Awwissu 2010**

li jikkoreġi l-verżjoni Latvjana tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1121/2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-iskemi ta' appoġġ għal bdiewa previsti fit-Titoli IV u V tiegħu

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 142(c) tiegħu,

Billi:

- (1) Hemm diversi żbalji fil-verżjoni tat-test tal-Artikoli 31, 32 u 33 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1121/2009 ⁽²⁾ bil-lingwa Latvjana.

- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1121/2009 għandu għalhekk jiġi kkoreġut kif xieraq.

- (3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Jikkonċerna biss il-verżjoni bil-lingwa Latvjana.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Awwissu 2010.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

⁽²⁾ ĠU L 316, 2.12.2009, p. 27.

